32002R0980

L 150/38 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 8.6.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 980/2002

ta' l-4 ta' Ġunju 2002

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2082/2000, li jadotta n-normi ta' l-Eurocontrol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE tad-19 ta' Lulju 1993, dwar id-definizzjoni u l-użu ta'speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għax-xiri ta' tagħmir u sistemi għall-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru [1], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/15/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 97/15/KE li tadotta n-normi ta' l-Eurocontrol u li temenda d-Direttiva 93/65/KEE dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjoni teknika kompatibbli għax-xiri ta' tagħmir u sistemi għall-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru, kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 2082/2000 [3], adottat in-norma għall-Iskambju Elettroniku tad-Data (OLDI), l-edizzjoni 1.0 u u n-norma ta' l-Eurocontrol għall-Preżentazzjoni ta' Servizzi Elettroniċi għall-Iskambju tad-Data tat-Traffiku ta' l-Ajru (ADEXP), l-edizzjoni 1.0.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2082/2000 adotta żewġ verżjonijiet reċenti ta' dawk iż-żewġ normi ta' l-Eurocontrol, jiġifieri l-edizzjoni OLDI 2.2 u l-edizzjoni ADEXP 2.0, kif ukoll norma ġdida ta' l-Eurocontrol imsejħa "Skambju tad-Data waqt it-Titjira – Dokument dwar il-Kontroll ta' Żoni tal-Kuntatt (FDE-ICD)."

(3) Minn dak iż-żmien l-Eurocontrol adotta emendi għall-edizzjoni OLDI 2.2 u għall-edizzjoni ADEXP 2.0.

(4) Dawn l-emendi għan-normi ta' l-Eurocontrol jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 93/65/KEE u jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali fl-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru ta' l-Istati Membri, partikolarment rigward it-trasferiment tat-titjiriet bejn iċ-ċentri tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru (OLDI) u l-immaniġġar tal-kurrenti tat-traffiku ta' l-ajru (ADEXP).

(5) Dawn l-emendi jinkludu partikolarment indikazzjoni tal-kapiċitajiet tat-tagħmir għat-titjira u huma meħtieġa biex jiffaċilitaw bla tfixkil u bla ħsara l-introduzzjoni ta'diversi programmi immirati biex iżidu l-kapaċità.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2082/2000 għandu għalhekk jiġi emendat kif imiss.

(7) Il-miżuri previsti minn dan ir-regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat kif stabilit bl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/65/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2082/2000 għandhom jiġu emendati b'mod konformi ma' l-Anness ta' dan ir-Regolament:

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Ġunju 2002.

Għall-Kummissjoni
Loyola DE PALACIO
Viċi-President

---

[1] ĠU L 187, tad-29.7.1993, p. 52.
[2] ĠU L 95, ta' l-10.4.1997, p. 16.
[3] ĠU L 254, tad-9.10.2000, p. 1.

L-ANNESS

L-Annessi I u II qed jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness I qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Punt 6.2.2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"6.2.2. *Il-kontenut tal-messaġġ*

Il-messaġġ ABI għandu jkun fih dawn il-punti ta' data:

– it-tip tal-messaġġ,

– in-numru tal-messaġġ,

– l-identifikazzjoni ta' l-ajruplan,

– Il-modalità u l-kodiċi tal-SSR (jekk ikunu disponibbli),

– it-tluq mill-ajruport,

– id-data stmata,

– l-ajruport tad-destinazzjoni,

– in-numru u t-tip ta' l-ajruplan,

– it-tip tat-titjira,

– il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir,

– ir-rotta (mhix obbligatorja),

– data oħra tal-pjan tat-titjira (mhix obbligatorja).

NOTA: *Ir-regoli dwar kif tiddaħħal id-data, il-formati u l-kontenut tal-qasam, qed jiġu speċifikati fl-Anness A.*"

(b) Il-punti 6.2.5.1 u 6.2.5.2 qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"6.2.5.1. *ICAO*

(ABIE/L001-AMM253/A7012-LMML-BNE/1221F350-EGBB-9/B757/M-15/N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON-80/N-81/W/EQ Y/NO)

6.2.5.2. *ADEXP*

TITLE ABI -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 001 -ARCID AMM253 -SSRCODE A7012 — ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1221 -TFL F350 -ADES EGBB -ARCTYP B757 -FLTTYP N -BEGIN EQCST -EQPT W/EQ -EQPT Y/NO -END EQCST-ROUTE N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON)".

(ċ) Il-punt 6.3.2 qed jinbidel b'dawn li ġejjin:

"6.3.2. *Il-kontenut tal-messaġġ*

Il-messaġġ ACT għandu jkollu l-punti li ġejjin ta' data:

– it-tip tal-messaġġ,

– in-numru tal-messaġġ,

– l-identifikazzjoni ta' l-ajruplan,

– Tip u kodiċi SSR,

– it-tluq mill-ajruport,

– id-data stmata,

– l-ajruport tad-destinazzjoni,

– in-numru u t-tip ta' l-ajruplan,

– it-tip tat-titjira,

– il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir,

– ir-rotta (mhix obbligatorja),

– data oħra tal-pjan tat-titjira (mhix obbligatorja).

NOTA: *Ir-regoli biex tiġi inserita d-data, il-formati u l-kontenut tal-qasam qed jiġu speċifikati fl-Anness A.*"

(d) Il-punti 6.3.5.1 u 6.3.5.2 qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"6.3.5.1. *ICAO*

(ACTE/L005-AMM253/A7012-LMML-BNE/1226F350-EGBB-9/B757/M-15/N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON-80/N-81/W/EQ Y/NO)

6.3.5.2. *ADEXP*

-TITLE ACT -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 005 -ARCID AMM253 -SSRCODE A7012 -ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1226 -TFL F350 -ADES EGBB -ARCTYP B757 -FLTTYP N-BEGIN EQCST-EQPT W/EQ -EQPT Y/NO -END EQCST-ROUTE N0480F390 UB4 BNE UB4 BPK UB3 HON".

(e) Il-punt 7.3.2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"7.3.2. *Il-kontenut tal-messaġġ*

Il-messaġġ REV għandu jkollu fih il-punti li ġejjin tad-data:

– it-tip tal-messaġġ,

– in-numru tal-messaġġ,

– l-identifikazzjoni ta' l-ajruplan,

– l-ajruport tat-tluq,

– id-data dwar l-istima u/jew il-punt tal-koordinazzjoni,

– l-ajruport tad-destinazzjoni,

– ir-referenza tal-messaġġ (mhix obbligatorja),

– il-modalità u l-kodiċi tal-SSR (mhix obbligatorja),

– ir-rotta (mhix obbligatorja),

– il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir (m'humiex obbligatorji).

NOTA: *Ir-regoli biex tiġi inserita d-data, il-format u l-kontenuti tal-qasam qed jiġu speċifikati fl-Anness A.*"

(f) Il-punti 7.3.3.1.2., 7.3.3.1.3. u 7.3.3.1.4. qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"7.3.3.1.2. L-elementi li ġejjin ser ikunu suġġetti għal reviżjoni:

– ETO fil-COP,

– il-livell(i) ta' trasferiment,

– il-Kodiċi SSR,

– il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir,

7.3.3.1.3. messaġġ REV għandu jintbagħat:

– l-ETO fil-COP hija differenti minn dik fil-messaġġ ta' qabel b'iktar minn valur bilateralment miftiehem, imwassal sa l-eqreb valur integrali,

– hemm xi tibdil fil-livell(i) tat-trasferiment, il-kodiċi SSR jew il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir.

7.3.3.1.4. Fejn ikun miftiehem bilateralment, il-messaġġ REV għandu jintbagħat meta jkun hemm xi tibdil f'dawn li ġejjin:

– COP,

– ir-rotta.

NOTA: *Ir-regolamenti operattivi jistgħu jirrikjedu li l-modifiki li jsiru wara l-ACT ikunu suġġetti għall-koordinazzjoni minn qabel bejn l-unitajiet ikkonċernati.*"

(g) Il-puntí 7.3.3.2.1. u 7.3.3.2.2. qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"7.3.3.2.1. *Il-format ICAO*

Il-messaġġi kollha ta' reviżjoni jinkludu l-field types 3, 7, 13, 14 u 16. Dawn ir-regoli li ġejjin jgħoddu:

– bidla lill-ETO fil-COP jew fil-livell(i) ta' trasferiment għandhom jiġu inkorporati permezz ta' l-inklużjoni tad-data riveduta fil-qasam 14.

– bidla fil-kodiċi SSR għandha tiġi inkluża bħala l-elementi (b) u (ċ) tal-qasam 7.

Il-modifiki l-oħra kollha fil-format tal-qasam 22 wara l-ħames oqsma inizjali. Ir-regolamenti li ġejjin għandhom jgħoddu:

– l-oqsma inklużi fil-format tal-qasam 22 jistgħu jkunu fi kwalunkwe ordni relattiva għal xulxin,

– it-tibdil fil-COP għandu jiġi inkorporat bħala data tal-qasam 14 fil-format tal-qasam 22 (ara l-Appendiċi B – Il-ħtiġiet speċjali għall-ipproċessar tar-rotta),

– it-tibdil fir-rotot għandu jiġi inkorporat bħala data tal-qasam 15 data fil-format tal-qasam 22. Ir-regoli għall-koordinazzjoni ta' tibdiliet bħal dawn, li jinkludu dirottamenti diretti, kif speċifikat fl-Anness B — Il-ħtiġiet għall-Ipproċessar ta' Rotta Speċjali.

– il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir; il-kapaċità jew il-kapaċitajiet biss li qed jinbidlu għandhom jiġu inklużi. Messaġġ li jibdel il-kapaċità li tirriżulta fil-ħtieġa li tiġi inkluża data li tittratta rigward il-kapaċità addizzjonali kif speċifikat fl-Anness A il-paragrafu A.30 għandu jinkludi l-kapaċità addizzjonali.

7.3.3.2.2. *Il-format ADEXP*

Il-messaġġi kollha ta' reviżjoni fil-format ADEXP għandhom jinkludu l-oqsma primarji li ġejjin: TITLE REFDATA ARCID ADEP ADES. Ir-regoli li ġejjin għandhom jgħoddu:

– bidla ta' l-ETO fil-COP jew fil-livell(i) tat-trasferiment għandhom jiġu inkorporati bl-inklużjoni ta' data riveduta fil-qasam primarju COORDATA,

– il-qasam primarju COP għandu jiġi inkluż sakemm bidla fl-ETA jew fil-livell(i) ta' trasferiment tkun tirrikjedi l-użu ta' qasam primarju COORDATA. Din għandu jkun fiha l-COP li permezz tagħha t-titjira tkun qed tiġi kkoordinata f'dak il-mument jew, jekk il-COP tkun qed tiġi emendata, il-COP li permezz tagħha t-titjira kienet tkun ġiet ikkoordinata qabel,

– tibdil lill-COP għandu jkun inkorporat bl-użu tal-qasam primarju tal-COORDATA (ara l-Appendiċi B – Rekwiżiti speċjali għall-ipproċessar tar-rotot). Dawn il-messaġġi għandhom jinkludu wkoll qasam primarju COP kif iddikjarat hawn fuq,

– it-tibdil fir-rotta għandu jiġi inkorporat bl-użu tal-qasam primarju ROTTA. Ir-regoli għall-koordinazzjoni ta' dan it-tibdil, inklużi r-rotot diretti, kif speċifikat fl-Anness B – Rekwiżiti Speċjali għall-iproċessar tar-rotot -,

– bidla lill-kodiċi SSR għandha tkun indikata permezz tad-dħul tal-qasam primarju SSRCODE,

– bidla fil-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir għandhom jutilizzaw qasam primarju EQCST; il-kapaċità jew il-kapaċitajiet mibdula biss għandhom jiġu inklużi. Messaġġ li jibdel kapaċità li tirriżulta fil-ħtieġa li tiġi inkluża d-data rigwad il-kapaċità addizzjonali kif speċifikat fl-Anness A paragrafu A.30 għandu jinkludi l-kapaċità addizzjonali."

(h) Il-punti 7.3.5.1 u 7.3.5.2 qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"7.3.5.1. *ICAO*

(a) (REVE/L002-AMM253-LMML-BNE/1226F310-EGBB)

(b) (REVE/L010-AMM253/A2317-LMML-BNE/1226F310-EGBB)

(c) (REVE/L019-AMM253-LMML-BNE/1237F350-EGBB-81/W/NO)

(d) (REVBC/P873-BAF4486-EBMB-NEBUL/2201F250-LERT-81/W/NO U/EQ)

7.3.5.2. *ADEXP*

(a) -TITLE REV -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 002 -ARCID AMM253 -ADEP LMML -COORDATA -PTID BNE -TO 1226 -TFL F310 -ADES EGBB

(b) -TITLE REV -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 010 -ARCID AMM253 -ADEP LMML -COP BNE -ADES EGBB -SSRCODE A2317

(c) -TITLE REV -REFDATA -SENDER -FAC E -RECVR -FAC L -SEQNUM 019 -ARCID AMM253 -ADEP LMML -COP BNE -ADES EGBB -BEGIN EQCST -EQPT W/NO -END EQCST

(d) -TITLE REV -REFDATA -SENDER -FAC BC -RECVR -FAC P -SEQNUM 873 -ARCID BAF4486 -ADEP EBMB -COP NEBUL -ADES LERT -BEGIN EQCST -EQPT Y/NO -EQPT U/EQ -END EQCST."

(i) L-Anness A qed jiġi emendat kif ġej:

– Fil-lista tal-kontenut il-punti li ġejjin A.29 u A.30 qed jiġu miżjuda:

"A.29. Tit-tip tat-titjira

A.30. Il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir"

– Il-punt li ġej A.2.2.a qed jiddaħħal:

"A.2.2.a F'xi każijiet numru tat-tip tal-qasam pseudo ICAO jiġi użat fejn qasam xieraq ta' l-ICAO ma jkunx jeżisti. Numri bħal dawn ikun fihom valuri b'żewġ ċifri daqs jew akbar minn 80."

– Il-punt A.14 qed jinbidel b'dawn li ġejjin:

"A.14. A.14. Dan il-qasam jippermetti l-għażla li tiddaħħal f'messaġġi speċifikati data dwar il-pjan tat-titjira mhux normalment inklużi bħala parti mill-proċedura tal-koordinazzjoni u mhux deskritta mkien iehor f'dan l-Appendiċi. Id-dħul ta' l-artikoli li ġejjin kif spjegat f'Referenza 1, l-Appendiċi 2, it-tipi ta' l-oqsma 8 u 18 huma permessi:

– ir-regolamenti tat-titjira,

– il-marki tar-reġistrazzjoni,

– l-isem ta' l-operatur,

– ir-raġuni għal trattament speċjali mill-ATS,

– it-tip,

– il-modalità,

– l-isem tat-tluq, id-destinazzjoni, l-ajrudromi alternati

– ir-rimarki b'lingwa komuni.

A.14.1. *ICAO*

It-tip ta'qasam 8, l-element (a) ir-regoli tat-titjira il-format tat-tip tal-qasam 22.

Wieħed jew iktar mill-elementi tat-tipi ta' qasam 18 li ġejjin fil-format tat-tip tal-qasam 22:

REG, OPR, STS, TYP, PER, DEP, DEST, ALTN, RALT, RMK.

A.14.2. *ADEXP*

Oqsma primarji: 'fltrul', 'depz', 'destz', 'opr', 'per', 'reg', 'rmk', 'altrnt1', 'altrnt2', 'sts' u 'typz'."

– Il-punti li ġejjin A.29. u A.30. huma miżjuda:

"A.29. **It-tip ta' titjira**

Dan l-artikolu ser jiddaħħal fil-fajl tal-pjan tat-titjira jew f'data ekwivalenti li toriġina minn sors alternattiv. L-ittra X ser tiddaħħal jekk it-tip tat-titjira jitħalla barra fil-pjan tat-titjira jew ma jkunx magħruf għal xi raġuni oħra.

A.29.1. *ICAO*

It-tip tat-titjira ser jiddaħħal bħala ittra waħda fil-format tat-tip tal-qasam 22 waqt li jintuża pseudo numru tat-tip tal-qasam 80.

A.29.2. *ADEXP*

Il-qasam primarju 'flttyp'.

A.30. **Il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir**

Dan l-artikolu jindika l-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir li jkun jew meħtieġ minn qabel għat-titjira f'ċerti spazji ta' l-ajru jew fuq rotot speċifikati jew li jkollu effett sinifikanti fuq id-dispożizzjoni tas-servizz tal-ATC. Il-preżenza ta' kapaċità tiġi identifikata fil-pjan tat-titjira imma tista' tinstab li mhix korretta jew li nbidlet matul it-titjira. Il-kapaċità u l-istatus tat-tagħmir tispeċifika l-istatus kurrenti.

L-istatus ta' l-oġġetti li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:

– Kapaċità RVSM,

– 8.33 kHz RTF ekwipaġġ.

L-istatus tas-segwenti għandu jkun inkluż fit-titjiriet tal-Istatus kif speċifikat fit-tip ta' titjira fil-pjan tat-titjira li għaliha tagħmir 8.33 kHz RTF mhux magħruf li hu għad-dispożizzjoni għall-użu:

– UHF ekwipaġġ.

A.30.1. *ICAO*

Id-data għandha tiddaħħal f'format tat-tip qasam 22 li juża numru tal-qasam pseudo 81.

Żewġ elementi għandhom jiddaħħlu għal kull kapaċità:

– il-kapaċità tat-tagħmir espressa b'ittra waħda kif speċifikat fit-tip tal-qasam 10 'Tagħmir' il-pjan ta' titjira ICAO (ara l-Appendiċi 3 tar-Referenza 1), segwita mill-ewwel minn,

– element ta' separazzjoni – sinjal immejjel (/), segwit mill-ewwel minn,

– status espress f'żewg ittri.

L-istatus għandu jkun espress bl-użu ta' l-indikaturi li ġejjin kif ikun applikabbli għat-titjira:

(a) EQ tfisser li t-titjira hi mgħammra u t-tagħmir qiegħed hemm biex jintuża mit-titjira;

(b) NO tfisser li t-titjira mhix mgħammra jew għal xi raġuni t-tagħmir ma jistax jintuża waqt it-titjira;

(c) UN tfisser li l-konformità mal-kapaċità mhix magħrufa.

L-ewwel grupp ta' kapaċità ser jiddaħħal direttament wara s-sinjal immejjel wara n-numru tal-qasam. Il-gruppi sussegwenti għandhom ikunu mifruda b'karatteristika ta'spazju. L-ordni tal-kapaċitjaiet tat-tagħmir mhijiex sinifikanti.

A.30.2. *ADEXP*

Il-qasam primarju 'EQCST'."

2. Fl-Anness II l-Anness A qed jiġi emendat kif ġej:

(a) F'punt A.2. l-intestaturi li ġejjin huma miżjuda:

Terminu awżiljarji	Sintassi	Semantika	Użat f'qasam primarju	Użat f'qasam ieħor	Użat f' awżiljarju
"eqptcode	1 {ALPHANUM} 2	Kodiċi li jidentifika l-kapaċità tat-tagħmir. Jista' jkun identiku mal-kodiċi tat-tagħmir		eqpt	
eqptstatus	2 {ALPHA}2	Valur ta' l-istatus ta' żewġ ittri li jiddeskrivi l-istatus tal-kapaċità ta' l-ajruplan..		eqpt"	

(b) F'punt A.3. l-intestatusura segwenti hi miżjuda:

ADEXP primarja	Tip	Sintassi	Semantiku
"eqcst	b	'-' 'BEGIN' 'EQCST' 1 {eqpt} '-' 'END' 'EQCST'	Lista tal-kodiċijiet tal-kapaċità tat-tagħmir kull waħda segwita minn valur ta'status li jispeċifika l-istatus kurrenti tal-kapaċità"

(ċ) Fil-punt A.4. l-intestatura segwenti qed tiġi miżjuda:

Sottokamp	Tip	Sintassi	Semantika	Użat f'qasam primarju	Użat f'sotto-kamp
"eqpt	b	'-' 'EQPT' eqptcode! '/' ! eqptstatus	Kodiċi tal-kapaċità tat-tagħmir segwit minn valur ta'l-istatus li jispeċifika l-istatus kurrenti tal-kapaċità	eqcst"	